25 ta' Jannar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt. LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, O.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Victor F. Denaro ne. *versus* Onor. Emanuel Tabone ne. et.

**"Requisition Order — Nullità — Interpretazzjoni — "Long Title" — Atti "Jure Imperii" — Ċitazzjoni — Kawżali — Art. 4 (1) (6) tal-Housing Act, 1949.**

*Fejn id-dispożizzjoni tal-liġi hija ċara, il-kliem tal-"Long Title" tal- istess liġi ma jistax jipprevali fuq il-kliem ċar tad-dispożizzjoni nnfisha.*

*Il-Housing Act,* 1949, *jagħti lill-Kummissarju tad-Djar il-poter li jirrekwiżizzjona kull xorta ta' bini; u dan mhux biss biex jipprovdi postijiet għall-abitazzjoni lil nies li jkollhom bżonn dawn il-postijiet u biex jiżgura t-tqassim aħjar tad-djar tal-abitazzjoni, imma anki fejn jidhirlu li r-rekwiżizzjoni tkun fl-interess publiku. Għaldaqstant mhix sostenibbli l-allegazzjoni illi l-Gvern ma jistax jeżerċita dan il-poter tiegħu ta' rekwiżizzjoni ħlief għar-rigward ta' djar tal-abitazzjoni u għalbiex jagħti "living accomodation"; u l-Gvern jista' għalhekk jirrekwiżizzjona post biex jużah bħala uffiċċju, għaliex rekwiżzzjoni simili tidħol taħt "public interest".*

*Imma r-"requisition order" irid ikun konformi għall-liġi, u trattandosi ta' att li l-Gvern jagħmel "jure imperji", il-Qrati, għalkemm ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew il-ġustizzja tar-rekwiżizzjoni bħala provvediment amministrattiv tal-Gvern, jistgħu però jaraw jekk ir-rekwiżizzjoni tkunx inħarġet minn awtorità kompetenti u jekk hux fil-forma li trid il-liġi; u għalhekk il-Qrati jistgħu jindaħlu fil-każ li l-ordni tar-rekwiżizzjoni ma tkunx inħarġet minn awtorità kompetenti li toħroġha, jew ma tkunx inħarġet fil-forma li jmiss.*

*Konsegwentement, jekk il-"requisition order" tinħareġ fl-interess publiku, u dan l-interess ikun magħmul jikkonsisti "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation ", u mhux "in the public interest" mingħajr ebda limitazzjoni, il-portata tal-frażi ġenerika u komprensiva tinsab ristretta*

*għal skop ta' abitazzjoni; u għalhekk, f'każ simili, il-forma tar-"requisition order" mhix skond il-liġi, jekk il-post ikun ġie rekwiżizzjonat biex jiġi użat mill-Gvern bħala uffiċċju; għax il-post ġie użat bħala uffiċċju mentri kien ġie rekwiżizzjonat limitatament għall-abitazzjoni; u ordni simili huwa kwindi null u bla ebda effett legali.*

*Huwa veru illi l-istess Housing Act jiddisponi wkoll illi, fil-waqt li l-post ikun possedut mill-Kummissarju tad-Djar bis-saħħa tal-istess Housing Act, jista' jiġi użat għal kwalunkwe skop li dak il-Kummissarju jidhirlu spedjenti fl-interess publiku; imma dan ifisser illi l-post irid ikun jinsab rekwiżizzjonat legalment; u post li ġie użat bħala uffiċċju tal-Gvern meta kien ġie rekwiżizzjonat għal skop ta' abitazzjoni ma jinsabx fil-pussess legali tal-Kummissarju tad-Djar, minħabba d-difett fir-"requisition order".*

*Jekk fiċ-ċitazzjoni li biha tiġi attakkata l-legalità ta' "requisition order", fost il-kawżali hemm anki dik li l-fond ma ġiex użat għall-abitazzjoni, u fid-domandi tinsab in-nullità tar-"requisition order" għar-raġunijiet imsemmijin fil-premessi taċ-ċitazzjoni, il-Qorti hija leġittimata teżamina l-punt jekk l-ordni tar-rekwiżizzjoni, dikjaratament magħmul għal skop ta' abitazzjoni, kienx validu meta, kuntrarjament għal dik id-dikjarazzjoni, fil-fatt dak il-fond ma kienx sejjer jiġi użat, u fil-fatt ma ġiex użat, għall-abitazzjoni.*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur nomine, premessi kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, peress illi bir-Requisition Order numru 15163, li ġġib id-data tat-13 ta' Awissu 1955, maħruġa fuq il-fond nru.11 Westminster Hotel, Kingsway, Valletta, l-attur nomine ġie ordnat jitlaq il-pussess tal-imsemmi fond minnufih; peress illi din ir-Requisition Order hija "ultra vires" u illegali, billi skond il-liġi viġenti r-Requisition Orders jistgħu joħorġu biss għall-iskop illi n-nies ikollhom fejn joqogħdu u biex ikun hemm distribuzzjoni aħjar tad-djar għall-fini tal-abitazzjoni; peress illi l-fond rekwiżizzjonat, fuq imsemmi, mhux sejjer jiġi użat għall-abitazzjoni, u ma kienx hekk użat, kif jidher mid-dokument "A" anness maċ-ċitazzjoni u mit-trattazzjoni tal-kawża, u anki kif espressament dikjarat

mill-konvenuti; talab li jiġi dikjarat u deċiż li r-Requisition Order fuq imsemmija hija nulla u bla ebda effett legali, u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tad-19 ta' Ottubru 1955;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, li biha qalu:—

Preliminarment (a) li l-eċċipjent Wilfred Podestà jinsab imħarrek bħala Delegat tal-Ministru tax-Xogħolijiet u Rikostruzzjoni, u għalhekk huwa mandatarju biss tal-istess Ministru, b'mod tali li ma għandux "locus standi" f'dan il-ġudizzju, u kwindi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-istess ġudizzju; (b) il-Ministru responsabbli u rivestit bil-poteri kollha mill-Housing Act, 1949, huwa l-Ministru tax-Xogħolijiet u Rikostruzzjoni, il-konvenut Onorevoli Joseph Ellul Mercer, u għalhekk il-konvenut Onorevoli Ministru Emmanuele Tabone, Ministru tax-Xogħol u Emigrazzjoni, għandu wkoll jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Fil-meritu, u mingħajr preġudizzju tal-premess, ir-Requisition Order hija manifestament "intra vires" billi ma huwiex minnu dak li jallega l-attur li skond il-liġi preżenti u viġenti r-Requisition Orders jistgħu joħorġu biss għall-iskop illi n-nies ikollhom fejn joqogħdu u biex ikun hemm tqassim tajjeb tad-djar. Dana jirriżulta biċ-ċar mit-tenur tal-Housing Act, u b'mod partikulari mill-art.2, 4, 11 u 12 tal-istess Att (Att nru.II tal-1949). B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra:

Rat il-verbal tas-26 ta' Novembru 1955, minn fejn jidher li l-attur irrinunzja għat-talba in kwantu diretta kontra Wilfred Podestà u kontra l-Onorevoli E.C. Tabone nomine, u żammha ferma kontra l-konvenut l-ieħor;

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar 1956, minn fejn jidher li l-partijiet jaqblu li l-fond rekwiżizzjonat kien ilu jiġi wżat bħala lukanda għal tul kbir ta' snin (fuq it-tletin sena), u li qabel kien użat bħala stamperija;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-27 ta' Marzu 1956, li biha ġiet miċħuda t-talba attriċi, bl-ispejjeż; wara li ikkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-kawża jidher li fit-13 ta' Awissu 1955 il-Ministru tal-Emigrazzjoni u Xogħol, li huwa l-awtorità rivestita bit-tmexxija tal-liġi in materja, ħareġ, per mezz tad-delegat tiegħu, rekwiżizzjoni bil-miktub, li ġġib in-numru 15163 (Dok."A" fol.5 tal-proċess), dwar il-pussess tal-fond numru 11 Kingsway, Valletta, li l-partijiet jaqblu dwar id-destinazzjoni tiegħu qabel dak l-ordni, u nnotifika biħ lill-attur *nomine*, u dan l-aħħar imsemmi, għalkemm il-fond ġie kunsinnat mill-inkwilin tiegħu, qiegħed isib oġġezzjoni għal dak l-istess ordni, l-għaliex jirritjeni li jeċċedi l-poteri tal-awtorità kompetenti li ħarġitu:

Illi mill-att taċ-ċitazzjoni, kif ġie mfisser fid-dikjarazzjoni u n-nota tal-osservazzjonijiet, il-motivi li fuqhom hija bażata t-teżi attriċi huma li l-liġi "in subjecta materia" tagħti biss id-dritt lill-awtorità kompetenti tar-rekwiżizzjoni sabiex ikunu provvduti lin-nies postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, jew biex tiżgura t-tqassim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar, u ntant, b'dana kollu, il-fond rekwiżizzjonat mhux sejjer jiġi wżat għat-tgħammir (fil-fatt ma hemmx kontestazzjoni li ġie adibit bħala ... ta' dipartiment governattiv), u qatt ma kien hekk użat);

Illi, stabbiliti t-termini tal-kontestazzjoni, huwa tajjeb li qabel xejn tiġi eżaminata l-liġi li taħtha għandha taqa' l-kwistjoni nsorta;

Illi l-liġi in vigore, m'hemmx kwistjoni, hija dik imdaħħla fl-Att II tal-1949, li bħala "long title" tagħha hija deskritta bħala "An Act to make provision for securing living accomodation to the homeless, for ensuring a fair distribution of living accomodation, and for the requisitioning of buildings"; u bħala "short title" "The Housing Act, 1949", kif emendat bl-Att III tal-1952, intestat "An Act to amend the Housing Act, 1949", u bix-"short title" "The Housing (Amendment) Act, 1952", li għandu jinqara u jif-

tiehem ħaġa waħda mal-Att tal-1949 dwar Djar (Att nru. II tal-1949), li huwa l-Att prinċipali;

Meta ġie publikat il-"Bill" tal-Att prinċipali fuq imsemmi, fl-iskopijiet u r-raġunijiet tiegħu, fis-27 ta' Settembru 1948, imfissra mill-ministru proponenti, fil-bidu ġew ripetuti "verbatim" il-kliem tat-titolu tal-liġi fuq ċitati, u wara dik iċ-ċitazzjoni ntqal:— "It is intended to supersede the emergency legislation regarding the requisition of lands, but to maintain requisitioning power in respect of houses, buildings, and parts of houses and buildings". U fl-aħħarnett ġiet espressa l-intenzjoni tal-Gvern li jirrimedja bi provvediment sabiex ir-rekwiżizzjonati jirrikonoxxu linnies li jkunu ġew imdaħħlin mill-Housing Commissioner fid-djar jew bini rekwiżizzjonati, kif ukoll sabiex jipprovdi wkoll għall-ħarsien tal-interessi xierqa tal-istess rekwiżizzjonati, peress li kien hemm ħsieb li d-Dipartiment tad-Djar xi darba kellu jingħalaq (ara Gazzetta tal-Gvern, Supp. CLIX tal-1948, paġ. 3219 u ta' wara);

Kif ħareġ il-"Bill" tal-1952, emendanti l-Att prinċipali tal-1949, fl-iskopijiet u raġunijiet intqal li d-Dipartiment tad-Djar kien wasal biex jagħlaq, u li x-xogħol tiegħu, sa fejn kien meħtieġ, kien sejjer jiġi mogħti lill-Ministru tax-Xogħlijiet u r-Rikostruzzjoni, u li l-iskop prinċipali ta' dak l-Att emendanti kien intiż sabiex dak l-arranġament jitwettaq (ara Gazzetta tal-Gvern, Supp. 1952, IX, paġ. 103 u ta' wara);

Illi jingħad li titolu ta' statut, għalkemm kien hemm xi żmien li ma kienx jiġi kunsidrat bħala formanti parti mill-liġi, u bħala tali ma kellux jiġi kunsidrat għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-liġi statutorja li taħtu jaqa', il-lum huwa ritenut li huwa importanti, u li tista' ssir riferenza għalieħ għall-iskop tal-aċċertament tal-iskop ġenerali tal-liġi li tkun, u sabiex jitfa' dawl fuq l-interpretazzjoni tagħha; imma riferenza għall-"long title" biss, skond ċerti ġudikati ngliżi "in subiecta materia", u għall-"long" u "short" title" skond deċiżjonijiet oħra, għandha tkun dejjem sekondarja fil-konfronti tad-dispożizzjoni kontenuta fl-istess Att jew statut, l-għaliex it-titolu ma għandux ikollu l-effi-

kaċja li jaffetta jew jirrestrinġi l-kliem ċar kontenut fl-istess statut, iżda biss għandu jservi ta' għajnuna sabiex tiġi maħlula diffikultà (ara Crails, on Statute Law. ediz. 5, maħruġa minn Sir Charles E. Odgers, paġ. 178-183, u "case-law" hemm ċitati; u Maxwell, On the Interpretation of Statutes, ediz. 10, maħruġa minn G. Granville Sharp, O.C.; u Brien Galpin, paġ. 40-42, u "case-law" hemm ċitati);

Illi kwindi huwa loġiku u naturali li l-ewwel ma għandu jsir, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' Att jew statut, huwa li jiġu penetrati l-kliem tal-istess Att;

Illi, skond is-sezzjoni 4 (1) tal-Att II tal-1949, il-ministru nkarigat mill-amministrazzjoni u tmexxija ta' dik l-istess liġi għandu s-setgħa li jagħmel rekwiżizzjonijiet "għal kull bini", u jista' jagħti istruzzjonijiet li jidhirlu li huma meħtieġa jew xierqa sabiex ir-rekwiżizzjoni tista' jkollha effett jew tista' sseħħ. Dina s-setgħa testendi ruħha operattivament jekk il-Ministru jidhirlu li hu meħtieġ jew xieraq li jagħmel hekk fl-interess publiku, jew biex jipprovdi linnies lukien fejn wieħed jista' jgħammar, jew biex jiżgura t-taqsim xieraq ta' lukien fejn wieħed jista' jgħammar;

Il-kelma maltija "jew", miġjuba bl-ingliż "or", "prima facie" hija kelma alternattiva jew diżġuntiva, u kif ġiet użata l-aħħar mill-Qorti hija nterpretattiva u espożittiva tal-kelma anteċedenti; liema sinifikat ġie li tassumi. Huwa minnu li l-kelma "or" ġie li ġiet, għat-tfissir tal-intenzjoni tal-leġislatur dwar il-kliem tal-istatut, interpretata għal u bħala l-konġuntiva "and"; imma kull meta dina l-kostruzzjoni jew interpretazzjoni ġiet adottata, tabilfors li kien hemm bżonn tal-użu ta' vjolenza lill-lingwa adoperata millleġislatur fl-istatut, li tkun ġiet ġustifikata mill-kontest talistess liġi (ara Maxwell, opera ċitata, paġ. 238 u 239; u Stroud, Judicial Dictionary, vox "or" read "and", and viceversa, paġ. 1345-1349, ediz. 6). Imma fil-każ tagħna dik il-kelma għandha jkollha effett naturali diżġuntiv, li minnu jitnissel li l-leġislatur kien qiegħed jippreżenta ipotesijiet distinti, kif, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, jidher mill-kontest ġenerali tal-liġi "de qua agitur" u mill-mezzi kollha, prin-

ċipali u sekondarji, li jistgħu jitfgħu dawl fuq it-tifsir tagħ ha;

Illi kwindi, jekk huwa minnu li l-kelma "or" fit-test ingliż, u "jew" fit-test malti, għandha jkollha l-effett naturali diżġuntiv, il-Ministru jista' joħroġ rekwiżizzjonijiet "għal kull bini fit-tliet ipotesijiet msemmija, u ċjoè:— (1) "If it appears to him to be necessary or expedient so to do in the public interest; (2) for providing living accomodation to persons; (3) for ensuring a fair distribution of living accomodation". Huwa ta' min jagħmel enfasi dwar l-interess publiku li jkun jissuġġerixxi r-rekwiżizzjoni, li irid jillimita ruħu dwar l-oġġetti jew ħwejjeġ li jkun maħsub fil-liġi li tkun, u m'hux jestendi ruħu għal ħwejjeġ oħra;

Illi, qabel ma tgħaddi ulterjorment sabiex turi fuq liema ħsieb waslet għal dak li ntqal fuq, huwa tajjeb li jingħad li fil-klawsola interpretattiva tal-istess Att (sezzjoni 2), tant il-kelma "requisition", kemm il-kelma "building", huma mfissra. Il-leġislatur f'din it-tifsira uża, fil-każ tal-kelma "requisition", il-forma spjegattiva ("explanatory") u "prima facie" restrittiva għall-preferenza ta' dik estensiva, mentri għall-kelma "building" uża forma kontenenti l-kliem "mean and include", li hija kritikata ħafna mill-Awtorità dwar il-metodi u forom leġislattivi (ara Ilbert, Leġislative Methods and Forms, 1901, page 211), l-għaliex tippresta ruħu ħafna drabi għal dubbji ta' interpretazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-kliem interpretati mill-leġislatur iridu jittieħdu fis-sens li huwa jagħtihom, jew għandhom jinkludu ħwejjeġ li, kieku ma kienx hemm il-klawsola interpretattiva, ma kienux fil-fatt jinkludu. Mit-test ingliż, li huwa prevalenti, il-kelma "building" tħaddan djar u bini, partijiet minnhom, u l-artijiet u l-ġonna fir-reċinti tagħhom, b'mod li l-kelma "building", li hija kelma ġenerika komprensiva, u tista' tissinifika "house" jew "edifice", ma tagħmel ebda distinzjoni restrittiva dwar id-destinazzjoni tagħha, mentri l-kelma "house", skond is-sinifikat etimoloġiku tagħha, hija biss "a building for human habitation" (ara Oxford Dictionary, vox "house" u "building"), u ma tistgħax tiġi estiża għal edifiċji oħra;

Il-kelma "building", inkluża fil-frażi "għal kull bini" fl-artikolu 4 (1) tal-liġi in parola, ġiet interpretata mill-Qorti tal-Appell Tagħna bħala li tekwivali "għal kull post"; u ntqal li dana jkopri tant post jew lok tal-abitazzjoni, kemm lok adibit għal skop kummerċjali (ara Appell 6 ta' Frar, 1950, in re "Victor Trapani ne. vs. Oscar Pace Feraud" (Vol. XXXIV-I-17). Dwar il-kelma "requisition" intqal "means take possession of a building or require the building to be placed at the disposal of the requisitioning authority", bla ma ġiet dettata ebda formola sakramentali; anzi, skond il-ġurisprudenza lokali, l-okkupazzjoni tal-bini li jkun hija "per sè" rekwiżizzjoni (ara Prim' Awla Ċivili, 12 ta' Ottubru, 1943, "Wismayer vs. Agius ne.", Vol. XXXI-II-148, u ħafna oħra fil-Kollezzjoni f'dana s-sens). Jingħad ukoll li, meta toħroġ rekwiżizzjoni bil-miktub, proprjament l-istess għandha tintbgħat lil min ikun qiegħed għal żmien jew anki b'xi mod materjalment f'dak l-istess bini, għaliex dik il-persuna tkun f'pożizzjoni li tikkunsinna lill-awtorità rekwiżizzjonanti l-istess fond rekwiżizzjonat. Dan inissel li, meta min jiddetjeni l-post ikun jkkunsinnah, kwalunkwe "requisition order" li jiġi mibgħut lis-sid, li ma jkollux id-detenzjoni materjali tal-bini, mhux ħaġ'oħra ħlief sempliċi informazzjoni li huwa jista' jkollu nteress fiha;

Illi, stabbilit dan li fuq ġie espost, jingħad li l-art. 4 (1) tal-liġi għandu jiġi nterpretat fis-sens tat-tliet ipotesijiet fuq apposti, oltre li għar-raġuni tal-forma u kliem diżġuntiv użat, anki għar-raġunijiet segwenti:—

1. Mill-kliem u distinzjoni kif il-kumpens tal-bini rekwiżizzjonat b'dana l-Att għandu jiġi bażat u ffissat skond l-art. 11 u 12 tal-istess liġi. Infatti, fl-art. 11(1) (a) tingħata l-bażi għall-ħlas dwar bini li mhux imdaħħal taħt it-terminu "dwelling house" skond ma hemm maħsub fl-Ordinanza XVI tal-1944, li tirregola t-tażżin tal-kera; liema bażi dwar il-bini fejn jiġi użat mill-Ministru jew minn persuni mdaħħla biex jgħammru fih skond l-Ordinanza XVI tal-1944, il-kera ma għandux jeċċedi l-"fair rent" kif imfisser f'dik l-Ordinanza. Minn dan jitnissel illi l-liġi qegħedha tieħu in konsiderazzjoni bini li ma jgħammrux fih nies

skond il-ħsieb tat-tifsira tal-kelma "dwelling-house" tal-Ordinanza msemmija, liema żewġ kategoriji ta' bini jistgħu jaqgħu ugwalment taħt is-setgħa tar-rekwiżizzjoni tal-Ministru inkarigat mill-liġi. U jekk l-ewwel kategorija tista' taqa' taħt is-setgħa msemmija, huwa loġiku u naturali li tista' taqa' biss taħt l-ewwel ipotesi tal-interess publiku, għal raġunijiet ovvji li mhux ta' min jirripeti. Fl-art. 12 (1), li jikkontempla l-fissazzjoni tal-kumpens, il-liġi tgħid li l-kumpens imdaħħal taħt is-sezzjoni 11 (1), "(a) shall in all cases be assessed by the Rent Regulation Board under the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Chap. 109), which for that purpose shall have exclusive jurisdiction, etc.", bil-proviso dwar djar kif imfissra fl-Ordinanza li Trażżan il-Kera fuq id-Djar li kienu fil-pussess tal-awtorità rekwiżizzjonanti minn qabel it-22 ta' Frar 1964. Il-frażi "in all cases" turi mill-ġdid id-diversi kategoriji ta' bini rilevata dwar l-art. 11. Barra minn dan, ma għandux jintnesa li l-Kapitolu 109, li miegħu żdiedu d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XVI tal-1944 li tirrigwarda t-trażżin tal-kera fuq id-djar, sakemm mhux inkompatibbli miegħu, idaħħal taħt is-setgħa tiegħu l-bini immobili kollu urban, bla ebda restrizzjoni tad-destinazzjoni tiegħu, u ċjoè anki dak li ma mhux "dwelling house" fis-sens li ntqal fuq;

2. L-argument li jitnissel mill-art. 4(6). Infatti, jekk l-esperjenza tal-interess publiku tagħti lill-Ministru li jkun fil-pussess tal-fond rekwiżizzjonat l-użu li jkun jidhirlu meħtieġ non ostante kwalunkwe liġi kuntrarja, jew kwalunkwe kuntratt jew mod ieħor li ma jaqblux magħha, u tawtorizzah jagħmel kull ħaġa li kull persuna li għandha nteress sħieħ fuq dak l-istess post tista' tagħmel in forza ta' dak id-dritt sħieħ li jkollha, huwa loġiku u naturali l-ħsieb li in forza ta' dak l-interess publiku jista' jieħu pussess ta' bini, l-għaliex inklelè l-interess publiku msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-art. 4 u dak imsemmi f'dana l-inċiż ikollhom operazzjonijiet differenti;

3. Illi meta l-Ministru proponenti tal-liġi fetaħ it-tieni "reading" tagħha, qal ċar li kien fi ħsiebu jżomm il-poteri li kellu l-Housing Commissioner in forza tal-"Emergency

Regulations"; u skond dawk ir-Regolamenti, dak l-uffiċjal kellu d-dritt jirrekwiżizzjona bini ta' kull xorta fl-interess publiku, salva l-esklużjoni tal-artijiet ("lands") imsemmija fl-"Objects and Reasons" tal-"Bill" tal-Att tal-1949 (ara Debates) Seduta 29 ta' Novembru 1948, paġ. 3745);

4. Illi l-Long Title" tal-Att juri li l-Att kellu jipprovdi biex jiżgura "living accomodation" għall-"homeless etc.", u "for the requisitioning of buildings", bil-kelma "and" biex tikkonġunġi l-iskopi msemmija. Kieku l-iskop kien li jiġu biss rekwiżizzjonati djar għall-iżgurar tal-"living accomodation" biss, il-leġislatur ma kienx juża l-kelma "buildings"; lanqas kien jgħid "and for the requisitioning of buildings"; imma kien loġikament jgħid "for the requisitioning of houses to make provision etc.". Dan juri li l-leġislatur ried li jkun jista' jirrekwiżizzjona kwalunkwe xorta ta' bini, u biex jagħmel hekk taħt l-istess liġi tabilfors kellu jagħmlu taħt l-ewwel ipotesi tan-neċessità u spedjenza tal-interess publiku;

Illi n-neċessità u l-espedjenza tal-interess publiku lanqas ġiet kwistjonata u diskussa fid-"debates" parlamentari; l-għaliex il-membri tal-Kamra spazjaw ruħhom fuq materji oħra; imma dan ma jħassarx il-kliem tal-liġi kif mgħoddija;

Illi kwalunkwe liġi oħra li tkun affini, jekk ma tkunx in kontradizzioni ma' liġi oħra u tista' ugwalment tirregola l-istess kontinġenza, ma tipprekludix lill-Awtorità li tista' tagħmel użu minnhom, li tirrendi operattiva waħda jew l-oħra skond kif jidhrilha li huwa xieraq u meħtieġ fl-eżerċizzju tal-amministrazzjoni ġenerali tagħha;

*Illi, dwar il-formula tar-rekwiżizzjoni użata, jingħad* li l-istess tikkomprendi t-tliet ipotesijiet imsemmija fil-liġi, l-ewwel waħda separata b'virgola mill-oħrajn, b'mod li jekk huwa validu wieħed mill-motivi li għalihom saret ir-rekwiżizzjoni, l-inoperazzjoni tal-oħrajn ma jinfiċjawhiex;

Illi, kwindi, il-motiv li l-post mhux sejjer jiġi użat għall-abitazzjoni, la l-liġi tawtorizza lill-Ministru inkarigat jieħu pussess ta' post meta jidhirlu li huwa meħtieġ jew xieraq fl-interess publiku, ma jirrendix l-att tiegħu "ultra

vires". Il-motiv l-ieħor li l-fond "de quo" qatt ma kien użat għall-abitazzjoni lanqas ma jinfiċja bħala "ultra vires" ir-rekwiżizzjoni, l-għaliex, kif intqal fuq, il-Ministru nkarigat għandu d-dritt jirrekwiżizzjona "any building", sew jekk ikun dar tal-abitazzjoni, sew jekk ikun bini użat bħala fond kummerċjali, kif inħ 'a l-ġestjoni ta' lukanda;

Rat il-petizzjoni tal-attur nomine, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmi'a tiġi revokata u li tiġi milqugħa d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 4(1) tal-Att tal-1949, "The Commissioner, if it appears to him to be necessary or expedient so to do in the public interest, or for providing living accomodation to persons, or for ensuring a fair distribution of living accomodation, may requisition any building.........";

Id-dispożizzjoni fuq ċitata hi ċara, u fejn id-dispożizzjoni hi ċara, il-kliem tal-"Long Title" ma jistgħux "override the clear meaning of the enactment" (ara App. Krim. "Pulizija vs. Gerald Butigieg", 29 ta' Jannar 1955, fejn ġiet trattata "funditus" il-kwistjoni tal-effett tal-"Long Title" fuq il-liġi relattiva);

Issa, l-artikolu fuq riportat juri illi, minbarra għażżewġ skopijiet oħra relattivi għall-"living accomodation", tista' ssir rekwiżizzjoni anki "in the public interest"; u juri wkoll illi r-rekwiżizzjoni tista' ssir fuq "buildings" in ġenerali, bla ebda limitazzjoni;

Għalhekk, il-pretensjoni tal-attur nomine li l-Gvern ma jistgħax jeżerċita l-poteri tiegħu ħlief għar-rigward ta' djar għall-abitazzjoni u għalbiex jagħti "living accomodation", di fronti għat-test ċar tal-liġi, ma hijiex sostenibbli;

Ikkunsidrat;

"Ex consessis", il-post rekwiżizzjonat f'dan il-każ ġie użat bħala uffiċċju tal-Gvern. Kif ingħad, il-Gvern jista' jieħu b'rekwiżizzjoni post għal uffiċċiu, għaliex rekwiżizzjoni simili tidħol taħt "public interest";

Issa, l-użu tal-post għal uffiċċju jippresupponi li r-"requisition order", sabiex tkun konformi għall-liġi, tinħareġ "in the public interest". Infatti, ir-"requisition order" hija l-forma preskritta mill-liġi, kif jidher bla dubju ta' xejn mid-dispost tat-tielet subartikolu u tar-raba' subartikolu tal-imsemmi art. 4 tal-liġi;

F'dan il-każ, il-lokuzzjoni użata fir-"Requisition Order", fol. 5, hi din:— "Whereas it is expedient in the public interest, for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation .........";

Hu ċar, mill-lokuzzjoni fuq imsemmija, illi, kienet x'kienet l-intenzjoni tal-awtorità li għamlet ir-rekwiżizzjoni, il-kliem użati jimpurtaw limitazzjoni tal-"public interest" fis-sens li, fil-każ ta' din ir-rekwiżizzjoni partikulari, dan il-"public interest" kien qiegħed jiġi magħmul jikkonsisti "for providing living accomodation to persons and for ensuring a fair distribution of living accomodation". Il-Gvern seta' liberament uża l-kliem "in the public interest" bla ebda limitazzjoni ta' xejn; iżda f'dan il-każ irrestrinġa l-portata ta' dik il-frażi, normalment ampja u komprensiva, bil-kliem sussegwenti; b'mod li r-"Requisition Order" ġiet li tirriferixxi għall-iskop tal-abitazzjoni. Issa, hi ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati li għall-attijiet "jure imperii" (kif inhi "requisition order") il-Gvern mhux sindakabbli mill-Qrati, u dawn ma jistgħux jiddiskutu l-opportunità jew ġustizzja ta' provvediment amministrattiv tal-Gvern, jekk l-awtorità kienet kompetenti li tieħu dak il-provvediment, u jekk dan il-provvediment ġie meħud fil-forma li tmiss (P.A. "Busuttil vs. La Primaudaye". 15 ta' Frar 1894, Kollez. Vol. XIV, p. 94; App. "Amato vs. Merewether", 11 ta' Marzu 1903, Kollez. XVIII-I-87; Kummerċ. "Azzopardi vs. Malfiggiani", 5 ta' Jannar 1902. XVIII-III-69; Appell "Boselli vs. Roupell", 28 ta' Frar 1912; Appell "Dr. Busuttil vs. Prof Mallia", 1 ta' Ġunju 1925, Vol. XXVII-I-164; App. "Galea vs. Onor. Galizia ne.", 9 ta' Novembru 1935; Appell "Gauci vs. Mizzi ne.", 19 ta' Mejju 1947; Appell "Ciantar vs. Onor. Dr. G.M. Camilleri", 23 ta' Ap-

ril 1951; Prim'Awla, "Degabriele vs. Mizzi ne.", 13 ta' Ottubru 1947; App. Kriminali "Pulizija vs. Borg", 1 ta' April 1944, XXXII-IV-716; u diversi oħrajn);

Ma hemmx dubju, f'dan il-każ, li r-"requisition order" ġie maħruġ mill-awtorità kompetenti; iżda ma ġiex maħruġ fil-forma li jmiss; għaliex, mentri l-post ġie użat għal uffiċċju tal-Gvern, l-"order" inħareġ limitatament għall-abitazzjoni. Dan iġib li l-forma tal-eżerċizzju tar-"requisition" ma kienetx skond il-liġi; u l-Qrati għandhom il-jedd, skond il-prinċipju fuq enunċjat, li jissindakaw l-att żbaljat fil-forma (ara, f'sens analogu, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Frar 1944, "Ciavola vs. Brigdr. Staynen ne.");

Il-konvenut nomine, fin-nota tiegħu fol. 57, ipprova jsostni l-att bid-dispost tal-paragrafu, jew aħjar subartikolu (6) tal-art. 4 tal-Att, li jgħid hekk:— "While any building is in the possession of the Commissioner by virtue of this section, the building may, notwithstanding any restriction imposed on the use thereof (whether by any law, or by any instrument or otherwise), be used by, or under the authority of the Commissioner, for such purpose and in such manner as the Commissioner thinks expedient in the public interest". Iżda hu ċar, mill-kliem "while any building is in the possession of the Commissioner.........", illi dik id-dispożizzjoni qegħedha tippostula l-każ ta' "building" ġa legalment rekwiżizzjonat, mentri fil-każ preżenti d-difett "jantecedi" ż-żmien li fiħ il-"building" jiġi fil-pussess tal-Commissioner"; u fil-fatt, dan il-"building", stante d-difett fir-"requisition order", qatt ma ġie legalment fil-"possession" tal-Commissioner. Għalhekk, dik id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli;

Ikkunsidrat;

Fin-nota tiegħu, l-appellat nomine ssolleva wkoll il-kwistjoni tal-kawżali tad-domanda. Iżda huwa ċar li, fost il-kawżali taċ-ċitazzjoni, hemm anki dik li l-fond "ma ġiex użat għall-abitazzjoni", u fid-domanda ntalbet in-nullità tar-rekwiżizzjoni "għar-raġunijiet fuq imsemmija", u kwin-

di din il-Qorti kienet leġittimata teżamina l-pont jekk l-ordni tar-rekwiżizzjoni, dikjaratament magħmul għal skop ta' abitazzjoni, kienx validu, meta, kuntrarjament għal dik id-dikjarazzjoni, fil-fatt dak il-fond ma kienx sejjer jiġi użat, u fil-fatt ma ġiex użat, għall-abitazzjoni, "kif espressament dikjarat mill-konvenuti";

Għal dawn il-motivi, prevju r-riġett tad-deduzzjoni dwar il-kawżali;

Tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba, billi tiddikjara nulla u bla effett ir-rekwiżizzjoni fil-każ preżenti, peress li ma ġietx osservata l-forma meħtieġa mill-liġi;

L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jithallsu mill-appellat nomine.